MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 812/1991/1

**Dottor John J. Cassar LL.D. bhala mandatarju specjali tas-Socjetà Cooperativa a.r.l. San Paolo**

**Vs**

**David Said u Keith Said ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Joseph Said Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur, fil-kwalità tieghu premessa, wara illi ppremetta illi l-konvenuti nomine kienu ordnaw gheneb minghand l-attur nomine, liema gheneb gie mibjugh u konsenjat lill-konvenuti nomine; illi l-*opening balance* kien ta' disa u ghoxrin miljun mija u erba u sittin elf lira Taljana (Lit. 29.146.000) peress illi saru tlett konsenji u cioè fit-22 ta' Novembru 1990 ghal prezz ta' Lit. 15.240.000, konsenja ohra fid-29 ta' Novembru 1990 ghal prezz ta' Lit. 16.200.000 u konsenja ohra fl-14 ta' Dicembru 1990 bil-prezz ta' Lit. 26.646.000 u kif ukoll Lit. 2.250.000 prezz ghat-trasport; illi mill-ammont totali ta' Lit. 29.146.000, il-konvenuti nomine hallsu biss Lit. 14.573.000 u ghalhekk fadal bilanc ta' Lit. 14.573.000 kif ukoll l-imghax fuq l-ammont kollu ta' Lit. 29.146.000 mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament fl-1 ta' Frar 1991 u l-imghax fuq il-bilanc ta' Lit. 14.573.000 mill-1 ta' Frar 1991 sad-data tal-pagament effettiv; u illi saru diversi tentattivi sabiex il-konvenuti nomine jhallsu dan l-ammont u anke gew tlett ufficjali tal-Cooperativa San Paolo hawn Malta sabiex jesigu il-hlas, huma baqghu ma hallsux l-ammont kollu minnhom dovut; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara lill-konvenuti nomine debituri fis-somma ta' erbatax il-miljun hames mija u tlieta u sebghin elf lira Taljana (Lit. 14.573.000) ekwivalenti ghal cirka tlett elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3700); 2. tikkundannahom jhallsu l-ammont hekk dovut; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif indikati fil-premessi kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda billi l-eccipjenti m'ghandhom jatu xejn lill-attur nomine;
2. Isegwi li t-tieni talba ghandha tigi michuda billi m'hemm ebda somma li l eccipjenti ghandhom jigu kundannati jhallsu lill-attur nomine;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Keith Said, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, 1999 illi permezz taghha l-Qorti, filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u hekk ikkundannat lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attur nomine s-somma bilancjali ta' erbatax-il miljun hames mija u tlieta u sebghin elf lira Taljani (Lit. 14,573,000) ekwivalenti ghal tlett elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3,700) dovuta kif inghad; bl-imghax legali fuq is-somma komplessiva ta' Lit.29,146,000 mill-15 ta' Dicembru, 1990 sal-1 ta' Frar, 1991 u fuq is-somma bilancjali hawn fuq imsemmija mit-2 ta' Frar, 1991 sal-pagament effettiv; l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti nomine, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Li din il-kawza qeghda ssir mill-attur nomine biex is-socjetà estera minnu rapprezentata tithallas il-bilanc tal-prezz ta' konsenja ta' kwantità ta' gheneb mibjugha u konsenjata lis-socjetà konvenuta fl-imhazen taghha f'Haz-Zebbug;

"Jinghad mill-ewwel li s-socjetà konvenuta m'hix qeghda tikkontesta dan il-bejgh u lanqas m'hi qeghda tilmenta li din il-merkanzija ma waslitx ghandha. Din qeghda tippretendi li l-prezz ma kienx dak li qieghed jintalab mill-attur nomine fil-kawza u li m'ghandha taghti xejn lis-socjetà estera ghaliex din il-kwantità ta' gheneb kienet ta' kwalità inferjuri ghal dik ta' partiti precedenti u l-konvenuti nomine nehhew din il-partita bl-ahjar prezz li sabu fic-cirkostanzi tas-suq. Inoltre, l-konvenuti nomine qeghdin isostnu li kienu taw istruzzjonijiet lill-kooperativa attrici biex ma tibghatx din il-merkanzija u, fir-rigward tal-prezz, ighidu li dan kellu jigi miftiehem definitivament wara l-wasla tal-merkanzija;

"Ikkunsidrat:

"Jidher car li l-ewwel haga li trid tistabilixxi l-Qorti huwa jekk verament kienx il-kaz li l-prezz kellu jigi stabbilit definitivament wara li l-partita tal-gheneb tkun waslet hawn Malta.

"Skond il-konvenut David Said (ara Affidavit - fol. 65), fil-kaz tal-gheneb l-uzanza hi li meta tkun ser tintbaghat xi konsenja, jigi diskuss prezz indikattiv u, umbaghad, il-

prezz jigi stabbilit b'mod definitiv mal-wasla tal-merkanzija biex wiehed jara l-kwalità u s-suq. Din l-uzanza ma gietx pruvata bl-ebda mod.

"Ix-xhud Mario Brancato, prodott mill-attur nomine, xehed li huwa kien li kellu t-trattativi mal-konvenut David Said dwar dan il-bejgh ta' gheneb. Fil-kontro-ezami kienet saritlu din id-domanda: 'Kif wasaltu biex tiffissaw il-prezz; minn qabel preventivament il-konsenja jew wara xi diskors partikolari skond kif kien is-suq?' Ix-xhud wiegeb: 'Kull darba illi kienet issir l-ordni, jiena kont nghidlu bil-prezz; huwa jew hu jaccetta u dak umbaghad ikun il-prezz ta' dik il-konsenja. Il-prezz kien jigi ffissat minghajr ma jara l-gheneb il-ghaliex l-gheneb kien ikun Sqallija u l-konvenuti kienu jkunu Malta.' Ix-xhud kompla hekk: 'Jiena nichad bl-izjed mod kategoriku illi qatt gie ffissat il-prezz wara li s-socjetà konvenuta tkun rat l-gheneb hawn Malta wara l-konsenja'.

"L-istess xhud Brancato, li huwa l-President tal-Kooperativa attrici, kkonferma li kien ircieva d-dokument 'B' minghand is-socjetà konvenuta. Dan id-dokument, li gie esibit mill-attur nomine (fol. 19) u jikkonsisti f'erba' faccati, huwa l-'fax' bid-data tad-19 ta' Jannar, 1991 mibghut mill-kumpanija konvenuta lis-socjetà attrici u ghall-attenzjoni tal-imsemmi Brancato. Kemm fil-'fax' (l-ewwel faccata), kif ukoll fil-kopja tal-'fattura definitiva' hemm imnizzel li l-prezz tal-partita in kwistjoni, dik cioè tal-14 ta' Dicembru, 1990, kellu jkun ta' 'Lire 2000 al kg', minbarra l-prezz tat-trasport fis-somma ta' Lit. 2,500,000.

"Din il-Qorti jidrilha li, fl-istat tal-provi processwali, l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-prezz tal-gheneb ma kienx dak li huma stess, permezz tal-'fax', qalu li kien. Il-fattura 'definitiva' relattiva ghall-konsenja in kwistjoni (ara wkoll Dok. FGC E - fol. 56) kif ukoll il-kontenut tal-'Fax Message' spedit lis-socjetà attrici jikkostitwixxi prova tal-prezz li ma gietx skossa bl-ebda mod mix-xhieda tal-konvenut David Said.

"Ikkunsidrat:

"Jidher, ghalhekk, li l-kwantità tal-gheneb tal-14 ta' Dicembru, 1990 ikkonsenjata lis-socjetà konvenuta inbieghet bil-prezz komplessiv ta' Lit. 26,646,646 u bit-trasport b'kollox jigi li s-socjetà attrici kellha tippercepixxi s-somma ta' Lit. 29.146,000.

“M’hemmx kontestazzjoni li, fl-1 ta’ Frar, 1991, is-socjetà konvenuta hallset is-somma ta’ Lit. 14,573,000 mis-somma komplessiva li ghadha kif issemmiet hawn fuq.
“Jirrizulta li s-socjetà konvenuta hadet il-konsenja tal-gheneb in kwistjoni fil-15 ta’ Dicembru, 1990 (ara kopja tal-Gate Pass Out esibit bhala Dok. FGC(F) a fol. 57) u dan minghajr ma saret xi rimarka jew protesta. Infatti, kulma jinghad f’dan id-dokument huwa li s-socjetà importatrici rceviet il-merkanzija ‘in good order and condition’.
“Dan il-fatt, cioè li l-merkanzija giet accettata mis-socjetà importatrici, kif ukoll il-prova li saret mill-attur nomine li l-istess gheneb gie mibjugh mill-istess socjetà lil terzi (ara Dokti MP1 sa MP104 - fol. 77A) jikkonfermaw li l-konvenuti nomine m’ghandhom l-ebda raguni valida fil-ligi biex ma jhallsux il-bilanc tal-prezz relattiv ghall-istess gheneb importat minnhom.
“Ghalhekk, it-talbiet attrici jisthoqqilhom li jigu akkolti ghaliex huma legalment fondati.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti nomine illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi minflok jigu michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat;

Rat illi l-attur nomine, debitament notifikat bir-rikors ta’ appell, ma jirrizultax illi pprezenta risposta;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-konvenuti nomine kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u illi kieku ghamlet apprezzament tajjeb kienet tichad u mhux tilqa’ t-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi Qorti f'grad ta' appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul minn Qorti ta' prim' istanza purkè ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet serji;

Illi dina l-Qorti ezaminat akkuratament kemm il-provi prodotti u kemm is-sentenza appellata u ssib illi l-ewwel Qorti, fl-istess sentenza appellata, ghamlet apprezzament korrett u pjuttost dettaljat ta' dawn il-provi;

Illi s-segwenti osservazzjonijiet illi sejra taghmel dina l-Qorti jkomplu juru kemm il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti hija korretta u gusta:
Fuq id-dokument markat FGC(A) a fol. 52, esibit mill-konvenut Keith Said waqt illi kien qed jixhed fl-udjenza tal-hdax (11) ta' Mejju, 1994, u illi huwa fattura illi tirrigwarda l-gheneb in kwestjoni datata tlettax (13) ta' Dicembru, 1990, ghalkemm il-prezz huwa indikat bhala ta' elfejn lira taljana (L.2000) kull kilogramm, jidhru l-kliem *prezzo da definire all'arrivo*. Huwa veru illi dan il-kliem jaghti certa kredibilità lit-tezi tas-socjetà konvenuta illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien illi l-prezz kellu jigi stabbilit wara illi l-gheneb jasal Malta. Però, huwa veru ukoll illi meta l-gheneb wasal Malta fil-hmistax (15) ta' Dicembru, 1990, mhux talli jirrizulta illi s-socjetà konvenuta hadet konsenja tieghu minghajr ma gie stabbilit prezz differenti minn dak imnizzel fuq l-imsemmija fattura, talli jirrizulta illi fuq id-dokument markat 'B' (fol. 19) datat dsatax (19) ta' Jannar, 1991, jigifieri aktar minn xahar wara l-wasla ta' l-gheneb f'Malta, il-prezz rega' gie indikat hekk: *prezzo al kg Lire 2000*. Huwa utili illi jigi rilevat illi l-konvenut Keith Said jammetti illi kien huwa illi pprepara d-dokument 'B' (fol. 50). Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet gustifikata illi tikkonkludi illi l-attur nomine kien intitolat jezigi l-hlas minghand is-socjetà konvenuta a bazi tal-prezz ta' L.2000 kull kilogramm ta' gheneb;

Minn dak illi inghad sa issa jirrizulta illi l-aggravju tal-konvenuti appellanti mhux sostenibbli;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------